# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, il-Ħamis, 4 ta' Awwissu, 2016

**Kawża Nru. 2(Kost)**

**Rik. Nru. 50/16JRM**

Rosette **THAKE** u Dottoressa Anna Fenech, fil-kwalita' rispettiva tagħhom ta' Segretarju Ġenerali u President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista

vs

**L-Onor. PRIM MINISTRU**; il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura; il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima; is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva; l-Awtorita' tal-Ippjanar ġja' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta; u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment li qiegħed jingħata wara talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tagħhom tas-27 ta' Ġunju, 2016[1], li bih u għar-raġunijiet minnhom hemm imfissra, talbu li din il-Qorti kif presjeduta tirrikuża ruħha milli tkompli tisma' din il-kawża;

Illi r-rikorrenti ressqu din it-talba fid-dawl ta' xi konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fi provvediment mogħti minnha fid-9 ta' Ġunju, 2016, f'talba li kienet saret mill-istess rikorrenti b'rikors tagħhom tat-3 ta' Ġunju, 2016, sabiex jingħata rimedju provviżorju;

Illi l-imsemmi rikors tressaq quddiem il-Qorti fl-ewwel smigħ u, b'degriet mogħti dakinhar, tat lill-intimati żmien biex iressqu tweġiba;

Illi l-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta ressqet it-Tweġiba tagħha fit-28 ta' Ġunju, 2016[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, opponiet għat-talba tar-rikorrenti;

Illi l-intimata Awtorita' tal-Ippjanar ressqet it-Tweġiba tagħha fit-30 ta' Ġunju, 2016[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija wkoll opponiet għat-talba;

Illi l-intimati l-oħrajn ressqu t-Tweġiba tagħhom fl-4 ta' Lulju, 2016[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija laqgħu għat-talba bħalma kienu laqgħu l-intimati l-oħrajn qabilhom;

Semgħet it-trattazzjoni fit-tul magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-5 ta' Lulju, 2016, f'liema smigħ ħalliet il-kawża għall-provvediment li qiegħed jingħata llum;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-Qorti tqis li t-tqanqil tal-kwestjoni min-naħa tar-rikorrenti hija waħda li jmissha tittieħed b'akbar serjeta', l-aktar meta fl-istess rikors tagħhom huma jgħidu li s-sottomissjonijiet tagħhom jintrabtu l-aktar mal-kwestjoni tal-imparzjalita' soġġettiva tal-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża;

---

1 Paġġ. 28 sa 30 tal-proċess
2 Paġġ. 33 – 4 tal-proċess
3 Paġġ. 39 – 40 tal-proċess
4 Paġġ. 41 – 3 tal-proċess

Illi l-Qorti sejra twarrab il-preġudizzjali preliminari mressqa mill-intimata Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-mod kif saret it-talba tar-rikuża, u għalkemm mhux mingħajr siwi[5], ma jixraqx li l-Qorti taqbad magħha u żżomm lura milli tindirizza t-talba li saritilha;

Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi[6] u, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f'posthom ("*conveniente*") tali astensjoni jew rikuża[7]. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali[8] u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja[9]. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali[10];

Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.[11] U l-fatt waħdu li l-liġi nnifisha tagħti lil dak il-ġudikant is-setgħa li jqis jekk għandux jilqa' jew le talba biex jastjeni mis-smigħ ta' kawża ma ġġibx lil dak il-ġudikant daqslikieku sar waħda mill-partijiet fil-kawża;

Illi l-Qorti tagħraf ukoll li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn, minkejja li raġuni għall-astensjoni jew ir-rikuża ta' ġudikant ma tkunx taqa' taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, jista' jkun hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-ġudikant li jkun ma jibqax jisma' kawża u dan biex jitħares tabilħaqq il-jedd ta' smigħ xieraq ta' xi waħda mill-partijiet fil-kawża li jkun hemm quddiemha[12];

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti jgħidu li din il-Qorti għamlet "pronunzjament kategoriku" li bih "il-ġustizzja żgur mhux ħa tidher li ħa ssir u żgur sar superfluwu li jinstemgħu provi fil-mertu quddiem din il-Qorti kif presjeduta";

---

[5] Art. 737 tal-Kap 12
[6] Art. 733 tal-Kap 12
[7] Ara, per eżempju, Kost. **18.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ċiappara) vs Joseph Lebrun***
[8] P.A. GV **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gambina vs Fithome Ltd***
[9] Kost. **27.9.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca pro et noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.i.40**)
[10] P.A. (Kost.) VDG **6.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)
[11] Kost. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Depasquale vs Avukat Ġenerali***
[12] Ara, b'eżempju, P.A. (Kost.) MCH **28.4.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Grech et vs L-Avukat Ġenerali et*** (appellata)

Illi l-fatt li din il-Qorti tħaddan fehma partikolari f'xi provvediment ma jfissirx li b'daqshekk biss hija ntrabtet biex ma tqisx b'mod imparzjali jew skond l-aġġornamenti interpretativi ġudizzjarji il-provi u s-sottomissjonijiet li jkunu jridu jsirulha matul is-smigħ kollu tal-kawża. Li wieħed jagħti din it-tifsira jkun qiegħed jistieden b'ħeffa li l-ġudikant jinża' mid-dmirijiet tiegħu taħt il-pretest ta' linja ta' ħsieb pre-formata;

Illi l-Qorti tagħraf u ma twarrabx b'ħeffa l-element tal-imparzjalita' suġġettiva u dik oġġettiva tal-ġudikant li kull parti f'kawża jistħoqqilha b'jedd tippretendi li jkun jimmanifesta ruħu. Madankollu, dan il-jedd ma għandux jinbidel f'għodda li bih parti f'kawża toħloq biżgħa li ma jkunx fondat jew okkażjoni biex wieħed jidħol f'sajda għall-ġudikant li tibdel il-proċess ġudizzjarju f'konkors għall-għażla ta' ġudikant favorit fuq ieħor u li jwassal għal dak li bnadi oħrajn huwa magħruf bħala "*forum shopping*". Dan jaf jissarraf f'abbuż tal-proċess ġudizzjarju taħt il-kappa tal-biżgħa tan-nuqqas ta' smigħ xieraq;

Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "*il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli*"[13];

Illi l-Qorti tqis li dak li wassal lir-rikorrenti biex jitolbu r-rikuża tal-imħallef li quddiemu qiegħda tinstema' din il-kawża huwa xi kliem li jinsab fi provvediment mogħti minn din il-Qorti fid-9 ta' Ġunju, 2016, fuq talba mressqa mill-istess rikorrenti għall-għoti ta' rimedju provviżorju ('*interim remedy*'), dwar xi *billboards* li l-Partit rikorrenti kien waqqaf fi bnadi tal-Gżejjer Maltin;

Illi jrid jingħad li fl-imsemmi provvediment, din il-Qorti ma daħlitx fil-mertu tal-ilmenti tal-istess rikorrenti f'din il-kawża u dan għaliex l-għoti jew

[13] App. Krim. **15.11.2004** fil-kawża ***Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah***

nuqqas ta' għoti tar-rimedju provviżorju jsir fuq bażi *prima facie* u għar-raġunijiet stabiliti dwar meta u kif jista' jingħata;

Illi l-kliem fl-istess provvediment li issa wassal lir-rikorrenti jressqu t-talba tagħhom bl-eċċezzjoni tar-rikuża jagħmel parti mill-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet biex tqis jekk kellhiex jew le tilqa' t-talba għall-għoti tar-rimedju provviżorju mitlub. Kienu konsiderazzjonijiet li saru biex bihom il-Qorti setgħet tqis il-kwestjoni tal-ħtieġa u tal-irrimedjabilita' tal-provvediment mitlub. Li kieku dawk il-konsiderazzjonijiet ma ssemmewx, kienu x'aktarx joħolqu lment min-naħa tar-rikorrenti li l-Qorti tat id-deċiżjoni tagħha bla ma semmiet għaliex waslet f'dik il-fehma;

Illi, fuq kollox, il-provvediment li dwaru r-rikorrenti qajmu l-eċċezzjoni hawn mistħarrġa ngħata qabel il-kawża kienet bdiet tinstema' u qabel l-ewwel smigħ tagħha u dan juri għaliex l-istess provvediment lanqas biss jagħmel mill-atti tal-kawża;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, seta' jidher ċar lir-rikorrenti li l-Qorti ma kellha f'moħħha l-ebda ħsieb 'pre-format' jew 'pre-ġudikat' dwar il-mertu ta' xi waħda mit-talbiet tagħhom, iżjed u iżjed minħabba l-fatt li sa dakinhar li ngħata l-provvediment, lanqas kienet tressqet l-ebda waħda mit-tweġibiet tal-intimati bil-kontestazzjoni tagħhom għat-talbiet tar-rikorrenti;

Illi, minbarra dan, il-Qorti ma tarax kif xi parti mill-provvediment għall-għoti tar-rimedju provviżorju jista' jitqies li jolqot b'mod kategoriku jew mod ieħor xi waħda mit-tliet talbiet li r-rikorrenti għamlu fir-rikors promotur tagħhom. Il-provvediment mogħti, fil-fehma tal-Qorti, ħalla impreġudikati t-talbiet tar-rikorrenti u ma jorbot bl-ebda mod il-fehma tal-Qorti kif presjeduta li tiddeċiedi l-mertu tal-imsemmija talbiet favur parti l-waħda jew l-oħra;

Illi, fuq kollox, minħabba li l-eċċezzjoni tar-rikuża qiegħda titressaq għall-finijiet tal-artikolu 734(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (iżda mhux biss għalhekk), jiġi wkoll li t-talba biex l-imħallef li qiegħed jisma' din il-kawża jieqaf milli jkompli jismagħha ma treġix għaliex il-provvediment kien wieħed kawtelatorju u provviżorju u dan ma jagħtix raġuni tajba għar-rikuża[14];

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti tqis li t-tqanqil tal-kwestjoni min-naħa tar-rikorrenti bl-ebda mod ma tnaqqas is-serenita' u d-dedikazzjoni li l-każ li għandha

[14] Art. 736 tal-Kap 12

quddiemha jitlob mingħandha u li hija tagħżel li tkompli twettqu fid-dawl tal-impenn minnha meħud li tagħmel ħaqq ma' min ikollu jedd għalih;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda:

**Tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża** u tordna li s-smigħ tal-kawża jitkompla quddiemha kif inhi presjeduta.

**Moqri**

**Onor Joseph R Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**4 ta' Awwissu, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**4 ta' Awwissu, 2016**